**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU, 2002

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1552/01 AE**

**Best Underwear Co Ltd**

**vs**

**Lino Gauci ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Current Fashions Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1,300) import ta' tlettax-il kambjala li mmaturaw.

Ra r-risposta tal-konvenut Lino Gauci li permezz taghha kkontesta t-talba ghall-hlas peress li m'huwiex il-legittimu kontradittur.

Ra d-digriet moghti fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2002 li permezz tieghu t-Tribunal awtorizza li jizdiedu l-kliem *"ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Current Fashions Ltd"*.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset milli tikkontesta l-kawza u milli tidher ghas-seduti tal-20 ta' Frar 2002 u tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1,300), l-imghax jiddekorri mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali li jinsabu ezebiti a fol. 8 tal-process.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**